**STQARRIJA MINISTERJALI MILL-PRIM MINISTRU JOSEPH MUSCAT DWAR IS-SUMMIT SPEĊJALI BEJN L-UNJONI EWROPEA U T-TURKIJA U L-PARTEĊIPAZZJONI TIEGĦU WAQT IL-COP 21**

Sur President,

Nixtieq nirrapporta lil din il-Kamra dwar iż-żewġ *summits* li attendejt għalihom nhar il-Ħadd, 29 ta' Novembru fi Brussell bejn l-Unjoni Ewropea u t-Turkija, u lbieraħ 30 ta' Novembru għas-Summit dwar it-Tibdil fil-Klima f'Pariġi magħruf bħala COP 21.

***Summit* speċjali Unjoni Ewropea – Turkija**

Is-*Summit* li ssejjaħ mill-President tal-Kunsill Ewropea, Donald Tusk, mat-Turkija wara l-Kunsill Ewropew informali ta' Malta, ittratta diversi sfidi bejn iż-żewġ naħat, b'mod partikolari l-prospetti Ewropej tat-Turkija fl-Unjoni Ewropea u l-problema tal-immigrazzjoni li ġejja mis-Sirja.

It-Turkija ilha kandidat mill-1999 u tinnegozja d-dħul fl-Unjoni Ewropea mill-2005. Kien hemm qbil bejn l-Unjoni Ewropea u t-Turkija li l-proċess ta' negozjati għandu jingħata spinta ġdida.

L-Unjoni Ewropea u t-Turkija rrijaffermaw ukoll dak li ġie maqbul fil-G20 li sar f'Antalya, li l-ġlieda kontra t-terroriżmu se tibqa' prijorità għaż-żewġ naħat.

Qbilna li għandhom isiru laqgħat iktar frekwenti biex jiġi esplorat aħjar il-potenzjal tar-relazzjoni aqwa bejn it-Turkija u l-Ewropa.

It-Turkija, min-naħa tagħha, ikkomettiet ruħha li taċċellera l-proċess tal-*Visa roadmap benchmarks* mal-pajjiżi membri parteċipanti. Hemm l-intenzjoni wkoll li dan ikun marbut mal-possibiltà reali tat-tneħħija tal-*visa* għal ċittadini Torok li jivvjaġġaw fiż-żona Schengen tard fl-2016.

Id-diskussjoni prinċipali kienet dwar l-immigrazzjoni u kif minħabba l-kriżi fis-Sirja, it-Turkija saret ċentru ta' lqugħ għall-immigranti illegali. L-Unjoni Ewropea kkommettiet ruħha li toffri assistenza kontinwa lit-Turkija. L-Unjon Ewropea kkommettiet ruħha li tipprovdi 3 biljun ewro inizjali biex it-Turkija żżomm il-madwar 2.2 miljun Sirjan li għandhom xi forma ta' protezzjoni temporanja u waslu t-Turkija bħala immigranti llegali. Mingħajr din l-għajnuna, dawn l-immigranti jispiċċaw jaraw kif se jaħarbu mit-Turkija u jimxu lejn l-Ewropa tal-Lvant u anke iktar 'il fuq, jew inkella jaqsmu l-baħar Mediterran.

Il-Kummissjoni Ewropea ġiet mogħtija l-inkarigu li tara kif se jiġi ffinanzjat dan il-programm kif ukoll kif tipproponi li jitwettaq.

Qbilna wkoll li jinbeda pjan ta' azzjoni maqbul bejn iż-żewġ naħat li għandu jirregolarizza l-influss ta' immigranti. B'hekk, b'effett immedjat se tibda' koperazzjoni iktar fil-qrib biex immigranti li m'għandhomx bżonn protezzjoni, ma jitħallewx jidħlu fit-Turkija u fl-UE u dawk li laħqu daħlu u ma għandhomx protezzjoni internazzjonali, imorru lura lejn il-pajjiż minn fejn telqu.

Waqt is-Summit mat-Turkija ntlaħaq qbil ukoll li fl-ewwel kwart tal-2016 jibda jaħdem il-*High Level Economic Dialogue Mechanism* li għandu jsaħħaħ in-negozju bejn it-Turkija u l-UE.

Ġie stabbilit ukoll il-*High Level Energy Dialogue and Strategic Energy Cooperation* li tnieda f'Marzu tal-2015 f'Ankara. Se jkun hemm ukoll *upgrading* tal-*Customs Union* u negozjati formali se jibdew lejn l-aħħar tal-2016.

Fl-intervent tiegħi tkellimt dwar il-bżonn li l-istrateġija għar-relazzjonijiet bejn iż-żewġ naħat ma tkunx waħda sporadika u bbażata biss fuq il-kriżi tal-immigrazzjoni, iżda tkun waħda ħolistika li tirrikonoxxi l-fatt li ż-żewġ naħat għandhom bżonn relazzjonijiet aħjar ma' xulxin.

Tkellimt fuq il-bżonn li t-Turkija tuża l-influenza tagħha biex tinstab soluzzjoni dejjiema fil-Libja. Il-Prim Ministru Davutoğlu kkonferma li t-Turkija għandha kuntatti tajbin man-naħa tal-Gvern ta' Tripli, iżda qal ukoll li jkellem lill-Gvern ta' Tobruk. Il-Prim Ministru qal li hemm diversi pajjiżi fir-reġjun li qed jagħtu l-appoġġ tagħhom lil diversi fazzjonijiet u li dan kien qed jikkomplika l-proċess.

Sostna izda li l-pożizzjoni tat-Turkija hija li trid li ż-żewġ naħat fil-Libja jaslu għal ftehim.

Id-diskussjoni misset ukoll mal-kwistjoni li nqalgħet bejn it-Turkija u r-Russja. Dawn iż-żewġ pajjiżi huma sħab strateġiċi importanti għall-Ewropa. B'hekk jaqbel li r-relazzjonijiet bejn iż-żewġ naħat jitjiebu, waqt li l-Unjoni Ewropea żżomm djalogu miftuħ kemm mar-Russja u anke mat-Turkija.

Ovvjament kien hemm referenza ukoll għal ġrajjiet riċenti fit-Turkija u l-bżonn ta' djalogu politiku

**COP 21**

Is-Summit tat-Tibdil fil-Klima, magħruf bħala *Conference of Parties* jew COP21, li għalih attendew il-mexxejja tad-dinja kollha kien importanti ħafna mhux biss għat-theddida tat-tibdil

fil-klima, iżda wkoll biex id-dinja turi li l-attakki terroristiċi li seħħew f'Pariġi mhux se jwaqqfu lill-komunità internazzjonali milli tibqa' għaddejja bil-ħajja tagħha u tikkopera fuq kwistjonijiet ta' importanza għall-kommunitajiet tagħna.

It-theddida tat-tibdil fil-klima hija reali u qed inħossu l-konsegwenzi tagħha diġà. Nifhem li hemm sezzjonijiet tal-popolazzjoni tagħna li għadhom mhux jagħrfu jew iħossu din il-problema u li għalihom din qisha xi problema li għadha 'l bogħod. Dan mhuwiex il-każ u pajjiżna qed jiġi affettwat ukoll illum.

Malta ntrabtet mat-*targets* tal-Unjoni Ewropea u aħna kommessi li nżommu magħhom. Permezz tal-pjan tal-enerġija tal-Gvern li taqleb il-*power station* li taħdem bil-*heavy fuel oil* għall-gass, se nkunu qed innaqqsu ħafna l-emissjonijiet. Qed nibqgħu naħdmu fuq żieda ta' enerġija rinovabbli. Sfida serja hija dik tat-trasport li hija sors kbir ta' emissjonijiet f'pajjiżna.

Filwaqt li waqt il-COP 21 kont qed nirrappreżenta lil pajjiżna, ingħatajt l-inkarigu wkoll mill-pajjiżi kollha tal-Commonwealth li nirrappreżenta l-pożizzjoni komuni li dwarha ntlaħaq qbil waqt iċ-CHOGM li sar f'Malta b'suċċess fi tmiem il-ġimgħa li għaddiet.

L-istqarrija tal-mexxejja tal-Commowealth tikkonferma li se nżommu t-target ta' żieda fit-termperatura globali għal inqas minn 2 jew 1.5 gradi *celcius* 'il fuq mil-livelli preindustrijali. B'hekk qed nitolbu biex ikun hemm pjan ambizzjuż u ekwu b'regoli stabbiliti u li jinkludu ftehim li jorbot lill-pajjiżi legalment.

Hemm min isostni li anke jekk nilħqu t-temperaturi stabbiliti, xorta ma nkunux qed inżommu t-tibdil fil-klima. B'hekk nemmen jien li rridu nimmobilizzaw iktar il-pajjiżi biex jaħdmu lejn tnaqqis fl-emmissjonijiet.

Il-pajjiżi l-aktar żviluppati tal-Commonwealth ikkommettew ruħhom biex joħorġu US$100 biljun fis-sena biex nikkumbattu t-tibdil fil-klima sal-2020.

Il-pajjiżi tal-Commonwealth ikkommettew ukoll fuq 50 hekk imsejħa *Nationally-Determined Contributions* li jekk jinżammu għandhom jikkontribwixxu għat-tnaqqis ta' madwar 17 fil-mija tal-emissjonijiet globali u *greenhouse gases* (gassijiet serra). Dan fl-opinjoni tiegħi huwa l-aqwa mod kif torbot il-pajjiżi biex jintrabtu li jnaqqsu l-emissjonijiet u nilħqu t-*targets* kollettivi. B'hekk ġie ddikjarat f'Malta li l-pajjiżi tal-Commonwealth ma għandhomx jaqgħu lura mill-INDCs.

Il-ftehim ta' Malta, minkejja li sab ftit reżistenza minn pajjiż wieħed tal-Commonwealth, wera *leadership* mill-Commonwealth fil-qasam tal-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima, u kien prova li l-Commonwealth jista' jkun għaqda b'saħħitha ta' pajjiżi li tagħmel differenza globali.